MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tad-19 ta' April, 2012

Appell Civili Numru. 1071/2007/1

**Carmel sive Charles Azzopardi, Carol Azzopardi, Joseph Azzopardi u Marianne Abela kemm f'isimha proprio kif ukoll bħala mandatarja speċjali f'isem l-assenti Edgar Azzopardi u Rose Doherty, ilkoll aħwa Azzopardi**

**v.**

**Andrew Agius u Zoqdi Developers Limited (C 10213)**

**Il-Qorti:**
**<u>Preliminari</u>**

Dan huwa appell ad istanza tal-intimati Andrew Agius u Zoqdi Developers Ltd li permezz tiegħu qegħdin jitolbu lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Jannar 2011 u konsegwentement tiddeċiedi li l-ispejjeż tal-kawża, kemm ta' din l-istanza kif ukoll tal-Prim Istanza jkunu kollha a karigu tal-appellati.

Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħdha tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

"Il-Qorti:

"Rat ir-rikors guramentat li kien prezentat fis-16 ta' Ottubru 2007 u li jaqra hekk –

*"1. Illi r-rikorrenti huma utilisti temporanji ta' porzjonijiet divizi mit-terren fil-limiti ta' Had Dingli maghruf bhala l-irdum "Tal-Maxtura", liema porzjonijiet jinstabu deskritti fil-kuntratt ta' koncessjoni emfitewtika tal-21 ta' Frar, 1971 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Felix Abela;*

*"2. Illi r-rikorrenti huwa wkoll l-utilisti temporanji ta' porzjonijiet divizi mit-terren fil-limiti ta' Had Dingli maghruf bhala l-irdum "Tal-Maxtura", liema porzjonijiet jinstabu deskritti fil-kuntratt ta' divizjoni tat-2 ta' Dicembru, 1939 fl-atti tan-Nutar Alberto Sigismondo D'Andria, kopja ta' liema qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala "Dokument CA1";*

*"3. Illi dina l-proprjeta' kienet ta' missier ir-rikorrenti, Emanuele Azzopardi, u ppreveniet lir-rikorrenti bhala eredi universali ta' missierhom Emanuele Azzopardi;*

*"4. Illi fost dawn il-porzjonijiet ta' art ir-rikorrenti huma l-utilisti temporanji tal-porzjon art immarkata bin-numru erbgha (4) ittra 'D' (4D) immarkata bl-ahdar fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata "Dokument CA2";*

*“5. Illi r-rikorrenti jew min minnhom imorru ta’ spiss fuq din il-porzjon art immarkata bin-numru erbgha (4) ittra ‘D’ (4D), kif ukoll jahdmu u jahartu l-istess u ilhom igawdu u jippossjedu l-istess porzjon art ghal zmien twil hafna minghajr ma qatt gew molestati fil-pussess taghhom*

*“6. Illi s-socjeta’ intimata Zoqdi Developers Limited hija properjetarja tat-terren kontigwu u l-intimat l-iehor, Andrew Agius, illi huwa rapprezentant tas-socjeta’ intimata, ikun ta’ spiss fuq l-art kontigwa;*

*“7. Illi bejn il-proprjetajiet rispettivi tar-rikorrenti u ta’ l-intimati jew min minnhom, u senjatament fuq il-linja mmarkata bil-kulur roza fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata bhala “Dokument CA2” jezisti hajt divizorju tas-sejjiegh;*

*“8. Illi aktar kmieni din is-sena u senjatament fix-xahar ta’ Mejju, l-intimati jew min minnhom iddemolixxew parti sostanzjali mill-istess hajt tas-sejjiegh, dahlu fil-proprjeta’ tar-rikorrenti u qacctu ghadd ta’ sigar illi kienu jinstabu fil-proprjeta’ tar-rikorrenti, qabbdu n-nar fil-proprjeta’ ta’ l-istess rikorrenti kif ukoll hadmu u hartu parti mill-proprjeta’ tar-rikorrenti;*

*“9. Illi permezz ta’ digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti nhar it-2 ta’ Lulju, 2007, wara r-rikors ghall-hrug tal-mandat ta’ inibizzjoni bin-numru 910/2007/GCD fl-ismijiet ‘Charles Azzopardi et v. Andrew Agius et’, l-intimati gew inibiti milli jidhlu, jaccedu jew jaghmlu kwalunkwe tip ta’ xoghol u/jew uzu ta’ liema natura kwalsiasi u/jew jippermettu u/jew iqabbdu lil terzi jaghmlu l-istess, u/jew ikomplu jidhlu, ikomplu jaccedu jew jaghmlu kwalunkwe tip ta’ xoghol u/jew uzu ta’ liema natura kwalsiasi inkluz it-tqaccit ta’ sigar, it-twaqqiegh u/jew demolizzjoni ta’ hitan tas-sejjiegh, l-incendjar jew xort’ohra t-tqabbid tan-nar u l-hart ta’ l-ghelieqi fil-proprjeta’ tar-rikorrenti u senjatament fil-porzjonijiet kollha ta’ art li jinstabu fil-limiti ta’ Had Dingli fl-Irdum “Tal-Maxtura” indikati fil-kuntratt ta’ koncessjoni emfitewtika fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Felix Abela tal-21 ta’ Frar,*

*1971. Kopja legali ta' l-atti ta' dan il-mandat qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala "<u>Dokument CA3</u>";*

*"10. Illi fl-atti ta' l-imsemmi mandat u senjatament permezz tar-risposta pprezentata minnhom, l-intimati vvantaw titolu fuq proprjeta' illi qeghda ghand ir-rikorrenti taht titolu ta' emfitewsi temporanju u ddikjaraw illi – skond huma – kulma hemm bzonn li jsir biss huwa li jsiru l-posti biex issir il-linja divizorja on site bejn il-proprjeta' tal-esponenti u dik li m'hijiex tieghu – dan meta l-hajt divizorju ilu jezisti s-snin twal;*

*"11. Illi fil-bidu ta' Settembru ta' din is-sena, l-intimati jew min minnhom regghu nvadew proprjeta' ohra illi hija tar-rikorrenti taht titolu ta' enfitewsi temporanju u dan billi hattew parti ohra mill-hajt divizorju tas-sejjiegh, ghamlu rampa fuq il-proprjeta' illi qieghda f'idejn ir-rikorrenti taht titolu ta' emfitewsi temporanju u nvadew senjatament il-porzjoni mmarkata bin-numru erbgha (4) ittra 'D' (4D) hawn surreferita u sahansitra unilateralment, abbuzivament, illegalment u minghajr ordni jew awtorizzazzjoni tal-Qorti ghamlu l-posti permezz ta' gebel imqieghed minnhom kif ukoll permezz ta' spaga u lenza, kif ukoll hadmu u hartu parti minn dina l-porzjon art u dana hekk kif jidher mir-ritratti hawn annessi u mmarkati bhala "<u>Dokument CA4 – CA8</u>";*

*"12. Illi ghalhekk, l-intimati jew min minnhom spoljaw bil-vjolenza u/jew bil-mohbi lir-rikorrenti mill-pussess tal-proprjeta' msemmija;*

*"13. Illi ghalkemm gew interpellati sabiex jirrintegraw l-art surreferita fl-istat pristinu taghha permezz ta' protest gudizzjarju, kopja ta' liema qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala "<u>Dokument CA9</u>", l-intimati baqghu inadempjenti;*

*"14. Illi ghalhekk kellha ssir dina l-kawza;*

*"15. Illi dawn il-fatti l-esponenti jafhom personalment;*

*"Ghaldaqstant ighidu l-intimati, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:*
*"1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati jew min minnhom spussessaw u spoljaw b'mod vjolenti u/jew klandestin lir-rikorrenti mill-pussess tal-porzjon ta' art surreferita u dana peress illi huma jew min minnhom iddemplixxew parti mill-istess hajt tas-sejjiegh, ghamlu rampa fuq il-proprjeta' illi qieghda f'idejn ir-rikorrenti taht titolu ta' enfitewsi temporanju, dahlu fl-istess proprjeta', ghamlu l-posti permezz ta' gebel imqieghed minnhom kif ukoll permezz ta' spaga u lenza u hadmu u hartu parti mill-istess porzjon ta' art;*

*"2. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex fi zmien qasir u perentorju illi jigi lilhom prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti jirreintegraw lir-rikorrenti fil-pussess u dana billi jergghu jqeghdu kollox fl-istat ta' qabel ir-rikorrenti ma batew l-ispoll u dana billi jaghmlu u jezegwixxu l-azzjonijiet u x-xoghlijiet kollha necessarji illi jigu lilhom ordnati minn dina l-Onorabbli Qorti;*

*"3. Fin-nuqqas ta' adempiment min-naha ta' l-intimati jew min minnhom, tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jiehdu dawk il-mizuri kollha u/jew jezegwixxu dawk ix-xoghlijiet kollha necessarji sabiex jiehdu lura l-pussess effettiv tal-proprjeta' taghhom, jekk ikun hemm bzonn taht is-sorveljanza ta' perit nominat minn dina l-Onorabbli Qorti, kollox a spejjez ta' l-intimati jew min minnhom, u skond kull direzzjoni jew ordni illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha illi jkun necessarju jew opportun skond ic-cirkostanzi tal-kaz.*

*"Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju bin-numru 373/2007 u tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 1365/2007/AF kontra l-intimati jew minnhom, li huma minn issa stess ingunti in subizzjoni."*

"Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi flimkien mal-elenku tad-dokumenti esebiti.

"Rat ir-risposta mahlufa tal-konvenuti li kienet prezentata fis-7 ta' Novembru 2007 u li taqra hekk –

*"Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi mhux minnu l-esponenti ghamlu atti spoljattivi u dan billi l-proprjeta' in kwistjoni hija proprjeta' ta' Zoqdi Developers Limited u hija fil-pussess tal-istess kumpanija.*

*"Ir-rikorrenti la huma proprjetarji u wisq anqas m'ghandhom il-pussess tal-proprjeta' in kwistjoni u konsegwentement it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez."*

"Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuti.

"Fl-udjenza tat-2 ta` Frar 2010, il-partijiet qablu l-kontestazzjoni ta` bejniethom tirrigwarda biss l-ewwel element tal-azzjoni ta` spoll u cioe` il-pussess (*possedisse*). Min-naha wahda, id-difensur tal-atturi ddikjara li l-pretensjoni attrici hija fis-sens li l-konvenuti waqqghu parti mill-hajt divizorju ta` bejn l-ghelieqi rispettivi tal-partijiet, ghamlu rampa mill-ghalqa taghhom ghal dik tal-atturi, u ghamlu lenza bil-posti fil-propjeta` tal-atturi. Min-naha l-ohra, id-difensur tal-konvenuti, ghal kull buon fini u bla pregudizzju, iddikjara li l-konvenuti jaqblu li ghamlu dawk ix-xogholijiet pero` fejn saru dawk ix-xogholijiet kien kollu fil-propjeta` tal-konvenuti, fejn certament l-atturi ma kellhom l-ebda forma ta` pussess.

"Fl-udjenza tad-29 ta` April 2010, fuq istanza tal-Qorti, il-partijiet iddikjaraw li ghalkemm ma kienx ghad kien hemm reintegrazzjoni tal-allegat spoll, il-kumpannija konvenuta kienet istitwiet kontra l-atturi tal-lum l-*actio finium regundorum* liema kawza tinsab pendenti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta u ghandha n-Nru.691/2008/JA. In vista ta` din id-dikjarazzjoni, din il-Qorti stiednet lill-partijiet sabiex jikkunsidraw il-posizzjoni taghhom ladarba kienet prezentata l-kawza fil-petitorju. Id-difensur tal-konvenuti, bla pregudizzju u minghajr ammissjoni tat-talbiet attrici, iddikjara li l-konvenuti kienu lesti jnehhu l-rampi, jaghlqu l-hajt fejn saru r-rampi, u jnehhu l-posti tal-gebel u l-lenza. Id-difensur tal-atturi

ddikjara, bla pregudizzju, li ladarba dawn ix-xogholijiet isiru, l-atturi kienu lesti jcedu l-mertu tal-kawza pero` kienu se jzomm firm il-kap tal-ispejjez.

“Fl-udjenza tat-8 ta` Gunju 2010, l-atturi pprezentaw nota fejn cedew it-talbiet taghhom fil-mertu peress illi l-konvenut Andrew Agius ghamel ir-ripristinu tas-sit in linea mat-talbiet taghhom. Madanakollu nzamm firm u mpregudikat il-kap tal-ispejjez.

“Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-21 ta` Ottubru 2010 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza dwar il-kap tal-ispejjez.

“Rat l-atti tal-kawza.

“Ikkunsidrat:

“Din hija kawza ta` spoll.

“Fil-premessi, l-atturi jghidu li huma jippossjedu art fl-hekk imsejjah Irdum tal-Maxtura fil-limiti ta` Had-Dingli, b`titolu ta` cens temporanju, u li jallegaw li l-konvenuti vvjolaw id-drittijiet taghhom fir-rigward. L-atturi jaghmlu riferenza ghall-pjanta CA2 a fol.154 tal-process.

“Fir-rigward tal-agir tal-konvenuti jew min minnhom, l-atturi jsemmu zewg incidenti: l-ewwel wiehed li gara f`Mejju 2007 u t-tieni wiehed li gara fil-bidu ta` Settembru 2007.

“Fil-kaz tal-ewwel incident, l-atturi jghidu li l-konvenuti jew min minnhom waqqghu parti sostanzjali tal-hajt tas-sejjiegh immarkat bil-kulur roza fuq il-pjanta CA2 li jifred l-art taghhom minn dik tal-konvenuti, dahlu fl-art tal-atturi, qacctu sigar fl-art tal-atturi, qabbdu n-nar fl-istess art, kif ukoll hadmu u hartu parti mill-istess art. Pero` t-talbiet tal-atturi f`din il-kawza ma jirrigwardawx dak li sehh f`Mejju 2007.

“Il-kawza tal-lum tirrigwarda l-atti allegatament kommessi mill-konvenuti fil-bidu ta` Settembru 2007 fejn jinghad mill-atturi li l-konvenuti jew min minnhom invadew l-art

numerata 4D bil-kulur ahdar fuq il-pjanta CA2, hattew parti ohra mill-hajt divizorju tas-sejjiegh, ghamlu rampa fl-art tal-atturi, u minghajr permess jew jedd ta` xejn, ghamlu l-posti permezz ta` gebel imqieghed minnhom u permezz ta` spaga u lenza, kif ukoll hadmu u hartu parti minn din il-porzjon art.

"L-attur Carmel Azzopardi xehed li kien fis-7 ta` Settembru 2007 li l-konvenut Andrew Agius qabad u qata` l-konfini minn fuq il-hajt tas-sejjiegh markat bil-kulur roza, waqqa` parti mill-hajt u harat parti mill-art. Ghamel ukoll il-lenza u l-gebel fl-art 4D bl-ahdar fuq il-pjanta CA2 rappresentata minn linja blu b`hekk kien iffirmat trianglu fit-tarf tax-xellug tal-art. Il-konfini qatt ma kienu kien ried jaghmilhom il-konvenut izda il-hajt id-dritt kien il-konfini. Mill-art li akkwista l-konvenut, ma kienx hemm access ghall-art tal-atturi. Il-konvenut ma jistax jikkontendi li huwa ghandu l-pussess tat-triangolu tal-art ghax mill-art tassew tieghu (mhux dik tat-triangolu) qatt ma kien hemm bibien mnejn jidhol. Kellu bilfors jitla` l-hajt u jaqbez.

"L-attur Joseph Azzopardi, filwaqt li kkonferma dak li xehed hu l-attur l-iehor Carmel Azzopardi, zied ighid li l-art 4D fuq il-pjanta a fol.154 fil-passat kienet tinzerta bis-silla izda fi zminijiet aktar recenti u b`mod partikolari sa ftit zmien qabel saret din il-kawza, l-porzjon art in kwistjoni kienet tinhadem bit-*tractor* minn Spiru Busuttil li kien jahdimha kollha sal-hajt divizorju tas-sejjiegh. L-uniku access kien mill-art taghhom. Mill-art ta' hdejhom li kienet ta` Mario Mifsud u li nxtrat mill-konvenuti qatt ma kien hemm access ghall-art in kwistjoni.

"Ix-xhud Spiru Busuttil ilu jahdem ir-raba` tal-atturi sa mill-1996. L-ispaga u l-lenza qatt ma kienu fil-post. L-ghalqa tal-atturi qatt ma kienet abbandunata u hu kien jahratha. Qatt ma kien hemm problema dwar konfini ma` s-sidien precedenti tal-art li xtara minghandhom il-konvenut.

"Tirrizulta esebita in atti <u>bhala prova</u> s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-3 ta` Lulju 2008 fil-kawza "Il-Pulizija vs Andrew Agius". Din il-kawza kienet specifikament dwar l-incident tas-7 ta` Settembru 2007

fejn l-attur Carmel Azzopardi kien talab lill-Pulizija sabiex jiehdu proceduri kriminali ghal ksur tal-Art.85 tal-Kap.9 kontra l-konvenut Andrew Agius. L-Ewwel Qorti sabet lill-konvenut hati u l-Qorti tal-Appell ikkonfermat. Fil-konsiderazzjonijiet taghha, il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

*"... l-appellant fis-7 ta` Settembru 2007 kien ghamel rampa, minn bicca ghalqa li kienet fil-pussess tieghu ghall-ghalqa adjacenti u kiseb access ghal din l-ghalqa li hu harat wara li qasamha b`posti tal-gebel mill-kumplament taghha. Ma hemmx kontestazzjoni li dan kollu sar fuq ordni tal-appellant jew mill-istess appellant.*

*"L-appellant jikkontendi li hu ghamel dan ghax il-bicca art li hu ssegrega ghalih bil-posti tal-gebel li jidhru fir-ritratti esebiti mill-parti civili kienet tappartjeni lil kumpannija tieghu u tant hu hekk li dik l-art kienet zdingata u kienet tidher li ilha ma tinhadem.*

*"Issa fl-ewwel lok il-fatt li ghalqa jew bicca art tkun ilha ma tinhadem jew tinharat ma jfissirx li b`daqshekk ma tkun tappartjeni lil haddiehor. Ma hemm ebda obbligu fuq sidien ta` artijiet agrikoli li jahdumhom u di fatti huwa "common knowledge" li sfortunatament illum hemm hafna artijiet agrikoli fil-gzejjer Maltin li ghal raguni jew ohra ma jinhadmux u jinsabu zdingati. Dan pero` zgur ma jintitolax lil sidien jew okkupanti ta` artijiet vicini jew adjacenti li jinvaduhom u jokkupawhom bhallikieku kienu taghhom bla kliem u bla sliem. Lanqas ma jfisser li s-sidien legittimi ta` dak ir-raba` abbandunat ikunu rrinunzjaw id-dritt ta` pussess fuqu. Il-pussess fuq il-propjeta` kampestri ma jesigix li sid joqghod ghassa mieghu lejl u nhar bil-lupara f`ipu biex jilqa` lil xi invazur potenzjali.*

*"Inoltre l-appellant mhux biss invada ghalqa izda ex admissis ghamel il-posti tal-gebel f`parti minn din l-ghalqa biex jissegregaha minn parti ohra taghha li skondu ma tappartjenix lilu. Ex admissis ukoll hu ma avvicinax lil sid din il-parti tal-ghalqa adjacenti qabel ma ghamel dawn il-posti u, inqas u inqas, ottjena l-kunsens u l-qbil tieghu. Izda rrikorra ghall-fatt kompjut."*

“Il-Perit Anthony Cassar xehed li huwa mar fuq il-post flimkien mal-klijenti tieghu l-atturi. Hu kkonferma li l-hajt tas-sejjiegh kien ezatt kif hemm indikat bil-linja l-hamra fuq il-pjanta a fol.154.

“Mario Mifsud kien is-sid tar-raba` li kien akkwistat mill-konvenut u li kien imiss ma` tal-atturi. Mifsud xehed li bejn ir-raba` tat-tnejn, kien hemm hajt tas-sejjiegh li juri qasma. Saz-zmien li hu biegh ir-raba` tieghu lill-konvenuti, ir-raba` ta` Azzopardi kien jinhadem minn Azzopardi waqt li tieghu kien jahdmu hu. Il-qasma u cioe` il-hajt huwa ndikat bir-roza fuq il-pjanta a fol.154. Ir-raba` indikat bl-ahdar fuq l-istess pjanta hija l-ghalqa tal-atturi u hija xi naqra zghira mtarrga. Sa ma l-konvenut xtara minghandu, ir-raba` ta` Azzopardi kellu s-sigar u kien jinhadem minn Carmel Azzopardi. Kien hemm fejn kien mahdum u kien hemm fejn kien zdingat. Kien juza mutur tal-hart tal-idejn. Fejn l-ghalqa kienet tmur lejn dizlivell, kien jaghmel rampa anke temporanja. Azzopardi kellu access ghar-raba` tieghu minn diversi bnadi hlief mill-ghalqa tieghu ghax kien hemm il-hajt. Ix-xhud ikkontesta dak suggerit lilu mill-konvenuti li l-art markata bl-ahdar fejn hemm it-triangolu kienet mharbta, zdingata, kollha ghollieq u b`sigar mejtin u ma kienet mahduma minn hadd.

“Il-konvenuti ressqu serje ta’ dokumenti: fosthom il-pjanta li kienet annessa mal-kuntratt ta` divizjoni fl-atti tan-Nutar Giovanni Mifsud tal-24 ta` Ottubru 1920 (Dok P).

“Il-konvenut Anthony Agius xehed li l-kumpannija Zoqdi Developers Limited kienet propjeta` tieghu u tal-familja tieghu. Mill-art ta` Had-Dingli, l-ewwel ma kienu akkwistati kienu erbgha u tletin (34) tomna. L-art tinsab Dingli Cliffs, taht it-triq lejn l-irdum, fejn hemm il-Kappella tal-Madalena. Meta xtara wkoll, it-territorju kien fi stat ta` telqa shiha. Huwa ghalhekk beda jirranga s-sit. L-ewwel beda jsewwi l-hitan, imbaghad beda jahdem ir-raba` u beda z-zergha tas-sigar taz-zebbug, lumi u laring. Beda mill-Majjistral lejn l-irdum. L-art li akkwista hija delineata bl-ahmar fuq il-pjanta Dok P. L-art delineata bl-isfar fl-istess pjanta hija dik tal-atturi. Ghalkemm bejn iz-zewg artijiet hemm qasma, din mhix qasma fisika bhal nghidu

ahna b`hajt izda qasma biss fuq il-pjanta. Il-kawza Nru.691/2008/JA saret propju biex fisikament issir il-qasma. Meta hu qala` s-sigar, huwa kien qed jaqla` fl-art tieghu. Minkejja dak, ircieva l-karti mill-Qorti mill-parti l-ohra. L-attur allega li kien qed jaqla` sigar fl-art tal-atturi. F`dik iz-zona huwa qatt ma ra lill-atturi. Kollox kien fi stat ta` abbandun. Il-konvenut jaccetta li hu dahal fit-triangolu markat T fuq il-pjanta Dok P liema bicca art sab li mhijiex propjeta` tieghu. Ghalhekk kien irtira minnha. Huwa ghamel il-rampi sabiex jitla` minn ghalqa ghall-ohra go tieghu stess. Biex ghamel ir-rampi, fetah xi hitan divizorji nterni gor-raba` tieghu stess. Il-lenza u l-posti saru minnu sabiex jaqta` l-art tieghu minn ta` Azzopardi. U mexa fuq il-pjanta tal-1920, fuq il-Land Registry u fuq il-pjanta tal-akkwist tieghu.

“Il-konvenut ressaq l-affidavits ta` Alfred Galea, Frankie Agius, Frederick Agius, Charles Sant u Charles Grech. Alfred Galea harat l-art li xehed dwarha il-konvenut. Charles Sant laqqam is-sigar. U Charles Grech naddaf l-ghollieq. Huma rreferew ghal tliet bicciet raba` forma ta` trinanglu li huma indikati fi pjanta annessa mal-affidavits taghhom. It-tlieta kienu nkarikati mill-konvenut. Qablu li l-art in kwistjoni kienet mitluqa u kien ilha s-snin ma tinhadem tant li l-hamrija kienet iebsa hafna u allura kien ilha s-snin ma jinharat. Qabel seta` jsir tilqim ta` sigar, kellu jitnaddaf l-ewwel il-wicc mill-ghollieq.

“Ikkunsidrat:

“L-atturi jistriehu principalment fuq il-pjanta a fol.154 sabiex ighidu li fejn huwa markat bl-ahdar hija art li huma jippossjedu b`titolu ta` cens temporanju u li ghandha l-konfini taghha fil-punent u fil-majjistral delineati minn hajt tas-sejjiegh ininterrott li fl-istess pjanta u mmarkat bir-roza. Min-naha taghhom, il-konvenuti jorbtu l-pretensjonijiet taghhom mal-pjanta Dok P li skond il-konvenut Andrew Agius hija l-pjanta ta` meta saret il-qasma fl-1920 mis-sid li kien jippossjedi l-art kollha u cioe` kemm dik tal-atturi kif ukoll dik tal-konvenuti.

“Ghalkemm it-talbiet tal-ispoll kienu ceduti ghaliex il-mertu gie ezawrit fil-mori tal-kawza, il-kawza kienet u baqghet wahda ta` spoll anke ghall-fini tad-decizjoni ta` din il-Qorti dwar il-kap tal-ispejjez. Dan qieghed jinghad ghaliex li kieku konsiderazzjonijiet ta` natura petitorja kienu trattati mill-ewwel, forsi ma kenitx tinqala` l-htiega li ssir din il-kawza ta` spoll.

“Wara li l-kumpannija konvenuta xtrat l-art taghha, il-konvenut Andrew Agius ipprova jqanqal l-istatus quo li sab fis-sit. Skond il-konvenut, dan kien kostitwit minn art zdingata u abbundanata is-snin, hitan imwaqqa`, u sigar mejta. Agius pero` kien jaf li mhux kullimkien kien tieghu. Kien jaf ukoll li l-qasma, anke skond il-pjanta tal-1920, kienet tidher biss fuq il-pjanta u mhux kienet xi haga fisika fit-terren.

“Ghal din il-Qorti l-ghaqal tal-konvenut kien jitlob li ezatt wara li xtara huwa jistabilixxi bil-preciz *occorrendo* bl-uzu ta` *surveys* fejn kien tieghu u fejn ma kienx. U allura jistabilixxi l-konfini tal-art li kien akkwista u fil-kaz li jsib kontestazzjoni u jkun jidhirlu li ghandu ragun jistitwixxi anke l-*actio finium regundorum*. Dan kollu pero` mhux fl-2008 izda fl-1993 meta xtara t-32 tomna art minghand Mario Mifsud.

“Issa fil-kaz tal-lum, ma jirrizultax li sar hekk izda sar il-maqlub. Agius beda jaghmel xogholijiet f`art li haseb li kienet tieghu mentri jirrizulta li skonfina fl-art tal-atturi. Jaccetta li hekk sar fil-kaz tat-triangolu ta` art markat T. Mela ghall-fini tal-kawza ta` spoll kif zbalja fil-kaz tal-art T daqstant iehor seta` kien il-kaz ghall-art l-ohra li l-atturi mexxew kontrih dwarha.

“Issa d-difiza tal-konvenuti kontra l-kawza ta` spoll kien il-pussess. Kif irrilevat il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha ga citata, ma rrizultax li l-atturi ddekadew mill-pussess anke jekk din il-Qorti taccetta li Agius sab l-art kontestata zdingata, allegazzjoni kontestata mill-atturi. U dak li kien riskontrat u accertat f`sede penali jaghmel stat ghall-fini ta` din il-kawza.

"Huwa evidenti hafna li dak li qanqal lill-konvenut biex imexxi bil-petitorju kienet is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali. Ghal darb`ohra din il-Qorti tinsisti li kieku Agius beda b`dik l-istanza l-ewwel hafna skarigg iehor inkluz din il-kawza kien jigi certament evitat. Infatti din il-kawza ta` spoll kienet prezentata fis-16 ta` Ottubru 2007 preceduta minn protest gudizzjarju u minn mandat ta` inibizzjoni prezentat fid-19 ta` Gunju 2007. Il-konvenuti pprezentaw risposta guramentata fis-7 ta` Novembru 2007. Hemm il-konvenuti vvantaw li l-art fejn allegatament sar l-ispoll kienet propjeta` taghhom u kienet ukoll fil-pussess taghhom. F`sede penali l-Ewwel Qorti tat sentenza kontra l-konvenut Andrew Agius fit-30 ta` Jannar 2008. Agius appella u l-Qorti tat-Tieni Istanza kkonfermat b`sentenza tat-3 ta` Lulju 2008. Ghalkemm ma kienet ghadha saret l-ebda re-integrazzjoni tal-allegat spoll, il-kumpannija konvenuta xorta wahda pprezentat il-kawza fil-petitorju u cioe` l-*actio finium regundorum* fid-9 ta` Lulju 2008 u cioe` sitt ijiem biss wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali. L-epilogu sehh aktar kmieni din is-sena meta Agius nehha x-xogholijiet li wasslu biex saret il-kawza ta` spoll.

"Din il-Qorti hija konvinta illi kieku l-konvenuti hadu azzjoni fil-petitorju u fil-pront mirata sabiex twarrab kull tilwima dwar konfini ta` art, din il-kawza kienet tkun evitata. Ladarba l-konvenuti ghazlu triq diversa, izda accidentata li skattat kawza ta` spoll, allura jkollhom igorru wahedhom il-piz tal-ispejjez ta` din il-kawza.

"Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi, filwaqt li tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tal-mertu tat-talbiet kollha attrici stante cessjoni tal-istess wara re-integrazzjoni fil-mori tal-kawza, tikkundanna lill-konvenuti sabiex flimkien ihallsu l-ispejjez kollha ta` din il-kawza."

**Rikors tal-appell tal-intimati appellanti:**

L-intimati appellanti ħassew ruħhom aggravati bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti u għalhekk interponew dan l-appell minnha.

L-aggravju tagħhom jikkonsisti fil-fatt li mkien fis-sentenza ma hemm imsemmi li huma kkommettew xi att spoljattiv. Huma jilmentaw li l-ewwel Qorti donnha waslet għall-konklużjoni tagħha li huma għandhom ibatu l-ispejjeż billi messhom għamlu l-azzjoni *finium regundorum* u fejn kellhom xi dubbju messhom saqsew lill-predeċessur fit-titolu tagħhom Mario Mifsud.

Huma jibdew biex jgħidu li meta s-soċjeta` intimata appellanti akkwistat il-proprjeta` inkwistjoni mingħand Mario Mifsud, bejn il-konvenju u l-kuntratt finali l-istess Mario Mifsud kien reġa' bdielu u kien wara li saret l-ittra uffiċjali li huwa, fuq parir tal-avukat tiegħu, resaq għall-kuntratt. Iżidu jgħidu li ftit xhur wara li ġiet akkwistata l-proprjeta` l-intimat appellant ħawwel xi siġar u dawn instabu kollha ssegati min-naħa t'isfel minn persuna jew persuni mhux magħrufa.

L-intimati appellanti jispjegaw li fil-post inkwistjoni, l-art kienet kompletament żdingata, mitluqa, u bis-siġar mejtin u kienet ilha f'dak l-istat sa minn meta l-appellant akkwista l-proprjeta`, jiġifieri mill-1993, u għalhekk wieħed qatt ma seta' jobsor li xi ħadd kien qed jivvanta xi titolu fuq din il-porzjoni art u wisq anqas li kienet fil-pussess tal-familja Azzopardi. Isostnu li f'dawk is-snin kollha r-rikorrenti appellati qatt ma rifsu fuq din il-porzjon art, qatt ma għamlu xi xogħol fuqha u qatt ma nħadmet, u jirreferu għal diversi xhieda li jikkonfermaw dan il-fatt.

Għalkemm l-intimat appellant jammetti li kien għamel ix-xogħlijiet li qegħdin jilmentaw dwarhom il-familja Azzopardi, u għalkemm huwa jikkonċedi li l-azzjoni saret entro t-terminu ta' xahrejn, huwa jikkontesta bil-qawwa li l-familja Azzopardi kellha l-pussess tal-art. Jispjega li huwa sempliċiment għamel linja diviżorja fuq l-art li tirrifletti l-linja stabbilita bil-pjanta tal-1920. Iżid jgħid li mkien f'din il-kawża ma hu qed jingħad li l-linja minnu ppjantata hija ħażin u saħansitra huwa anke esebixxa *survey* magħmul minn *surveyor* professjonali Michelle Camilleri li tikkonferma dan il-fatt.

L-intimati appellanti jissottomettu li huma ma kellhomx jiġu kkundannati jħallsu l-ispejjeż tal-kawża stante li ma kkommettew l-ebda spoll fuq proprjeta` li kienet fil-pussess tar-rikorrenti.

**Risposta tal-appell tar-rikorrenti appellati:**

Ir-rikorrenti appellati wieġbu biex juru għaliex is-sentenza appellata hija waħda ġusta u timmerita konferma.

Huma josservaw li kif jidher mir-rikors tal-appell tal-intimati appellanti, l-aggravju tagħhom jikkonsisti f'li huma qegħdin jikkontestaw il-fatt li huma (ir-rikorrenti appellati) kellhom il-pussess tal-art inkwistjoni għall-finijiet ta' azzjoni ta' spoll. Ir-rikorrenti inveċe jsostnu li l-pussess tagħhom tal-art inkwistjoni ġie ppruvat mingħajr ombra ta' dubbju u li mix-xhieda prodotta joħroġ ċar li huma r-rikorrenti kienu jmorru fuq l-art u jaħdmuha. Jagħmlu wkoll riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-3 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Pulizija v. Andrew Agius** (kawża li nbdiet fuq kwerela għal reat ta' *ragion fattasi)* fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet li l-attur Carmel sive Charles Azzopardi kellu l-pussess tal-għalqa inkwistjoni u qalet ukoll li l-pussess fuq il-proprjeta` kampestri ma jesiġix li s-sid jogħqod għassa lejl u nhar bil-lupara f'idu biex jilqa' xi invażur potenzjali. Ir-rikorrenti appellati jargumentaw li prova oħra li huma kellhom dan il-pussess huwa l-fatt li hekk kif l-intimati appellanti invadew l-għalqa inkwistjoni, huma mill-ewwel indunaw u mill-ewwel interpellawhom permezz ta' protest ġudizzjarju sabiex jirripristinaw l-*istatus quo ante* tal-għalqa inkwistjoni. Isaqsu: kieku ma kellhomx il-pussess tal-għalqa u telquh u abbandunawh kif qegħdin jallegaw l-intimati appellanti, kieku kif kienu ser jindunaw bl-għemil spoljattiv dakinhar stess li seħħ?

Ir-rikorrenti appellati jkomplu jgħidu li anke li kieku għall-grazzja tal-argument kellu jingħad li l-art kienet abbandunata, xorta waħda ma jfissirx li huma ma kellhomx il-pussess, u dan għaliex fil-fatt jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-qrati tagħna li l-istat mitluq ta' post ma jfissirx li persuna tkun tilfet il-pussess fuqu, u f'dan ir-

rigward jirreferu għal żewġ sentenzi mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Alfred Bugeja v. Joseph Borg pen** u Nicholas **Jensen pen v. Kunsill Lokali Ta' Xbiex**.

Finalment jgħidu li m'għandhom l-ebda rilevanza l-kwistjonijiet ta' titolu li tqajmu fir-rikors tal-appell u s-*survey* imsemmi għaliex dawn huma kwistjonijiet li qegħdin jiġu epurati fil-kawża *finium regundorum* mibdija mill-kumpanija intimata appellanti Zoqdi Developers Ltd.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

Din hija kawża ta' spoll u tirrigwarda porzjon art. L-att spoljattiv kif deskritt fiċ-ċitazzjoni kien jikkonsisti f'demolizzjoni ta' parti minn ħajt tas-sejjiegħ, tqegħid ta' rampa, tqegħid ta' posti konsistenti f'tqegħid ta' ġebel, spaga u lenza, kif ukoll ħrit ta' parti mill-porzjon art. Fit-8 ta' Ġunju 2010 ir-rikorrenti appellati kienu ċedew it-talbiet tagħhom fil-mertu peress li l-intimat Andrew Agius għamel ir-ripristinu mitlub minnhom. Ir-rikorrenti pero` żammew ferm u impreġudikat il-kap tal-ispejjeż. Għalhekk għalkemm il-mertu ġie eżawrit il-kawża baqgħet waħda ta' spoll għall-fini tad-deċiżjoni dwar il-kap tal-ispejjeż.

L-ewwel Qorti rreferiet għas-segwenti kronoloġija ta' fatti:

19 ta' Ġunju 2007 – Rikorrenti odjerni għamlu rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra Andrew Agius, Zoqdi Developers Ltd u BD Ltd, (liema rikors ġie milqugħ fit-2 ta' Lulju 2007). Dan jirrigwarda l-ewwel inċident li ġara f'Mejju 2007 u ma jiffurmax il-mertu tal-kawża odjerna;

11 ta' Settembru 2007 – Rikorrenti odjerni għamlu protest ġudizzjarju kontra l-intimati odjerni fir-rigward tat-tieni inċident, u cioe` x-xogħlijiet li għamel l-intimat Agius mertu ta' din il-kawża;

16 ta' Ottubru 2007 – Ġiet ippreżentata din il-kawża ta' spoll;

6 ta’ Novembru 2007 – Ġiet ippreżentata r-risposta ġuramentata tal-intimati li fiha l-intimati vvantaw li l-art fejn allegatament sar l-ispoll kienet proprjeta` tagħhom u kienet ukoll fil-pussess tagħhom;
30 ta’ Jannar 2008 – Il-Qorti tal-ewwel istanza f’sede penali tat sentenza kontra Andrew Agius;

3 ta’ Lulju 2008 – Il-Qorti tat-tieni istanza f’sede penali (Qorti tal-Appell Kriminali) kkonfermat tali sentenza;

9 ta’ Lulju 2008 – Il-kumpanija intimata ppreżentat kawża fil-petitorju u cioe` l-azzjoni *finium regundorum.*

L-ewwel Qorti osservat li dak li qanqal lill-intimat biex imexxi bil-petitorju kienet proprju s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali. Hija kkummentat li l-intimat messu wara li xtara mingħand Mario Mifsud fl-1993 stabbilixxa bil-preċiż il-konfini tal-art li huwa akkwista, u fejn isib kontestazzjoni u jkun jidhirlu li għandu raġun jistitwixxi l-*actio finium regundorum*. Hija kienet tal-fehma li kieku l-intimati ħadu azzjoni fil-petitorju mirata biex twarrab kull tilwima dwar konfini, din il-kawża odjerna kienet tiġi evitata. Ikkonkludiet illi ladarba l-intimati għażlu triq diversa, iżda aċċidentata, li skattat kawża ta’ spoll, allura jkollhom iġorru waħedhom il-piż tal-ispejjeż ta’ din il-kawża.

L-intimati appellanti ħassew ruħhom aggravati bil-fatt li l-ewwel Qorti ma semmietx li huma kkommettew xi att spoljattiv. Fil-fatt għalkemm l-ewwel Qorti spjegat li nonostante ċ-ċessjoni tat-talbiet il-kawża kienet ser titkompla bħala waħda ta’ spoll għall-finijet tal-kap tal-ispejjeż, hija ma kkunsidratx jekk kienux jissussistu t-tliet elementi ta’ spoll, it-tlett elementi neċessarji sabiex l-azzjoni tkun suċċess. Biex hija ddeterminat min kellu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-kawża irraġunat li ladarba s-soċjeta` intimata qabdet u għamlet ix-xogħlijiet qabel ma ndenjat tistabbilixxi preċiżament fejn kien tagħha u fejn ma kienx, u tali aġir wassal biex tinfetaħ inutilment kawża ta’ spoll da parti tal-atturi, għalhekk il-piż tal-ispejjeż tal-kawża ta’ spoll kellu jinġarr mill-intimati waħedhom.

Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan ir-raġjonament. Dak li kellha tagħmel l-ewwel Qorti kien li teżamina l-mertu tal-każ sabiex tistabbilixxi jekk it-tliet rekwiżiti ta' spoll kienux jisussistu, u f'każ li xi rekwiżit kien nieqes ikun ifisser li l-kawża ta' spoll kienet tfalli u għalhekk l-ispejjeż ikollhom jiġu sopportati minn min ikun għamel il-kawża, filwaqt li jekk it-tliet rekwiżiti jkunu jissussistu allura l-ispejjeż ikollhom jiġu sopportati minn min ikun għamel l-att spoljattiv.

Kif inhu magħruf, it-tliet rekwiżiti sabiex tirnexxi azzjoni ta' spoll huma:

(1) il-pussess jew detenzjoni da parti ta' min ikun għamel il-kawża,

(2) l-att spoljattiv li permezz tiegħu il-pussessur ikun ġie mneżżgħa mill-pussess bil-vjolenza jew bil-moħbi, u
(3) l-azzjoni trid issir fi żmien xahrejn mill-att spoljattiv.

L-intimat appellant, fir-rigward ta' dawn it-tliet rekwiżiti jammetti li kien hu li għamel ix-xogħlijiet li qed jilmentaw dwarhom ir-rikorrenti appellati, jikkonċedi wkoll li l-azzjoni saret entro t-terminu ta' xahrejn, iżda jikkontesta bil-qawwa kollha li r-rikorrenti appellati kellhom il-pussess tal-art fiż-żmien li huwa għamel ix-xogħlijiet fis-7 ta' Settembru 2007.

Il-verżjoni tar-rikorrenti appellati hija li huma fil-fatt kellhom il-pussess: isostnu li l-art inkwistjoni qatt ma kienet abbandunata, li kienu jidħlu fiha u li kienu jaħdmuha. Carmel Azzopardi xehed li f'Marzu/April ta' dik is-sena l-art kienet inħartet bit-*tractor* minn ċertu Spiru Busuttil.[1] Spjega li jħalluha vojta minħabba l-fniek slavaġ li hemm u wkoll minħabba li m'għandhomx ħin jaħdmuha. Spiru Busuttil jikkonferma li ħarat l-art f'April 2007. Jgħid li l-għalqa qatt ma kienet abbandunata u dejjem ħaratha fuq struzzjonijiet ta' Carmel Azzopardi.[2] Joseph Azzopardi spjega li fil-passat kienet tinżera s-silla iżda sa ftit żmien

---

[1] Xhieda li ta quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-05.06.2008 (fol.333-341)
[2] Xhieda tal-04.06.2008 quddiem l-ewwel Qorti (fol.260 -261)

qabel ma nfetħet il-kawża odjerna, il-porzjon art inkwistjoni kienet tinħadem permezz tat-*tractor* minn Spiru Busuttil[3]. L-avukat Dr. William Cuschieri jikkonferma li fid-9 ta' Ġunju 2007 kien niżel fl-inħawi u jiftakar li l-porzjon raba mertu ta' din il-kawża kienet tidher maħduma għalkemm ma kellhiex prodotti fiha.[4] Mary Azzopardi (mart Carmel Azzopardi) sostniet li kemm ilha taf lil żewġha huma dejjem kienu jidħlu fil-proprjeta` kollha. Ikkonfermat li l-art kienet tinħadem u li meta kien ikun hemm il-ħaxix aħdar kienu jagħmlu picnics u t-tifel kien jilgħab fiha.[5] Mario Mifsud (li kien dak li kellu r-raba ma' ta' Azzopardi qabel ma biegħha lis-soċjeta` intimata) xehed li lil Carmel Azzopardi kien jarah hemm, kien jarah jaqta' l-frott u anke jaħdem b'mutur tal-ħart żgħir li jitmexxa bl-idejn. Mistoqsi jekk qattx ra lil Spiru Busuttil jaħrat ir-raba huwa qal li ma jafx, iżda kkonferma li kien jara lil Azzopardi personalment jaħdem ir-raba.

Il-verżjoni tal-initimati appellanti inveċe hija li r-rikorrenti appellati ma kellhomx pussess tal-art inkwistjoni u jsostnu li kienet abbandunata, żdingata u mimlija għollieq. L-intimat Andrew Agius xehed li meta huwa għamel ix-xogħlijiet l-art kienet fi stat ta' abbandun u li ma kinitx maħruta. Qal ukoll li s-siġar kienu xjuh u nixfin u kien hemm l-għollieq.[6] Xehed li huwa qatt ma ra lil ħadd hemmhekk f'dawk il-partijiet.[7] Alfred Galea xehed li meta Andrew Agius talbu jaħratlu l-art f'Settembru 2007 huwa sabha żdingata u maħmuġa. Qal li kienet tidher li kienet ilha ma tinħarat għax meta ħaratha sabha iebsa.[8] Spjega li huwa ħarat ir-raba b'mutur żgħir u dam madwar siegħa/siegħa u nofs u f'dan il-ħin ħadd ma kellmu.[9] Charles Sant li jaħdem bħala ġardinar *part-time* xehed li madwar Diċembru 2005 l-intimat Andrew Agius kien talbu jmur ilaqqamlu s-siġar iżda meta mar fuq il-post sabhom kollha mejtin, kollox żdingat u bil-ġebel u għollieq. Fl-affidavit tiegħu qal li mill-istat tar-raba kkonkluda li kienet

[3] Affidavit maħluf fid-09.03.2009 (fol.296-297)
[4] Affidavit maħluf fid-09.03.2009 (fol.302)
[5] Xhieda tat-13.10.2008 (fol.273-280)
[6] Xhieda li ta quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-05.06.2008 (fol.333-341)
[7] Xhieda tal-24.05.2010 quddiem l-ewwel Qorti (fol.442-453)
[8] Xhieda li ta quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-05.06.2008 (fol.354-356)
[9] Affidavit maħluf fit-02.03.2010 (fol.456)

ilha żmien ma tinħadem. Xehed li l-għollieq kien għoli sal-ħajt ta' fuq, jiġifieri qisu sular u s-siġar kienu wisq mgħakksin, u għalhekk fil-fehma tiegħu l-art kienet ilha aktar minn għaxar snin żdingata.[10] Frankie Agius, bin l-intimat Andrew Agius, xehed li kien hemm ġebel iebes stanga ġol-ħamrija u għalhekk ikkonkluda li l-art kienet ilha ma tinħadem snin twal. Qal ukoll li qatt ma raha tinħadem qabel ma naddfuha huma.[11] Frederick Agius, it-tifel l-ieħor tal-intimat Andrew Agius jikkonferma li l-art kienet mimlija għollieq u siġar mejtin u tant kienet żdingata li lanqas bniedem ma seta' jgħaddi minn fiha.[12] Charles Grech, bniedem li ilu jaf lill-intimat snin twal u ġieli mar għall-kaċċa fir-raba li għandu, xehed li kien imidd idu u jgħinu fir-raba. Ikkonferma li fir-raba inkwistjoni huwa qatt ma ra lil ħadd u biex huwa neħħa l-għollieq u naddfu huwa ħadem b'idejh u biz-zappun, jiġifieri xogħol manwali.

Il-verżjonijiet taż-żewġ partijiet huma għalhekk kontradittorji għall-aħħar: l-intimati appellanti jsostnu li l-art kienet żdingata u mhux maħduma, u r-rikorrenti appellati jsostnu li kienet fil-fatt tinħadem. Il-fatt innisfu pero` li art tkun żdingata u mitluqa mhix fiha nnifisha evidenza li bniedem m'għandux pussess fuqha. Għalhekk anke jekk għall-grazzja tal-argument din il-Qorti kellha toqgħod fuq il-verżjoni tal-intimati appellanti u tiskarta l-verżjoni tar-rikorrenti l-art ġiet maħruta minnhom proprju f'April tas-sena 2007 (jiġifieri ftit xhur qabel l-att lamentat), u anzi taċċetta bħala fatt li kienet *tidher* abbandunata, b'daqshekk ma jsegwix awtomatikament li r-rikorrenti appellati ma kellhomx pussess fuqha.

L-intimati appellanti jsostnu wkoll li qatt ma raw lil ħadd mir-rikorrenti appellati fl-inħawi, iżda il-fatt biss li l-atti lamentati mir-rikorrenti appellati seħħew fis-7 ta' Settembru 2007 u erbat ijiem biss wara, fil-11 ta' Settembru 2007[13], ġie ppreżentat il-protest ġudizzjarju jindika li kien hemm preżenza da parti tar-rikorrenti fl-art inkwistjoni. Ir-rikorrent appellat Carmel Azzopardi xehed li

---

[10] Affidavit maħluf fl-01.03.2010 (fol.463)
[11] Affidavit maħluf fl-01.03.2010 (fol.458)
[12] Affidavit maħluf fl-01.03.2010 (fol.460-461)
[13] Fol.198

fis-7 ta' Settembru 2007 filgħodu kien mar jittawwal "*kif soltu nagħmel*" u ma kien hemm xejn, imbagħad wara s-sitta ta' filgħaxija reġa' mar jittawwal u nnota li kienu tpoġġew ġebel biex jaqtgħu il-konfini, li twaqqa' l-ħajt u anke li l-art kienet inħartet.[14] Dan id-dettall jikkonferma kemm ir-rikorrenti appellati kienu jħarsu l-art inkwistjoni u kemm kienu jkunu hemm ta' spiss.

B'danakollu din il-Qorti għall-korrettezza tħoss li għandha tgħid li ma taqbilx mal-ewwel Qorti fejn asseriet li dak "riskontrat u aċċertat f'sede penali jagħmel stat għall-fini ta' din il-kawża".

Din il-Qorti hija sodisfatta li r-rikorrenti appellati kellhom pussess fuq l-art inkwistjoni u għalhekk ir-rekwiżiti kollha sabiex tirnexxi azzjoni ta' spoll kienu jissussisstu fil-kawża odjerna.

Għal dawn il-motivi tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad l-appell tal-intimati appellanti u tikkonferma d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti fis-sens li għandhom ikunu l-intimati appellanti li jħallsu l-ispejjeż ġudizzjarji, iżda dan mhux għar-raġunijiet li tat l-ewwel Qorti, imma għall-fatt li jirriżulta li t-tliet rekwiżiti tal-*Actio Spolii* kienu kollha sodisfatti. L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ukoll jiġu sopportati mill-intimati appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[14] Fol.253